# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

### Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Michael Cassar**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Michael Cassar ID 111295M** u li permezz tagħhom ġie imħarrek talli fit-3 ta' Mejju 2015 għall-ħabta ta' 01:15 [ewwa Montekristo, limiti tas-Siġġiewi

1. Volontarjament kiser il-bon-ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
2. Talli ħebb għall-persuna ta' Antoine Scalpello u kkaġunalu ġrieħi ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifika Dr. Daniel McKean bin-numru tar-reġistrazzjoni medika 3595 mill-MDH.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li l-imputat, debitament assistit mill-Avukat dottor Mark Vassallo tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu inkluż fis-sens illi għar-reati li għadu kif ammetta għalihom jista' jingħata piena ta' priġunerija u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti rat li fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat tqis li ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

## DECIDE:

li qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli 338(dd), 214 u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma jkunx spedjenti li twaħħal piena iżda li peress li jissusistu r-rekwiżiti ai termini tal-Artikoli 7(1)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qegħda tqiegħed lill-imputat taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' sena millum.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation

kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reat li tiegħu instab ħati b'din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation mogħti bid-Digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati. L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sena.

Inoltre, b'żieda mal-piena inflitta, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Antoine Scalpello kif ukoll sabiex jiġi mħares l-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku qegħda torbot lil ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' tnax il-xahar millum taħt penali t'elfejn euro (€2000).

***Mogħtija illum il-25 ta' Settembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***